MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 339/2012

**Patrick Cauchi ID. 630461M**

**Vs**

**Seabank Hotel & Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2012 peress illi l-attur jahdem fis-settur tat-trasport u 'dumping' bhala self employed.

U peress li fuq ordni tas-socjeta' intimata, fil-perjodu bejn is-26 ta' Novembru, 2011 u t-3 ta' Dicembru, 2011 l-attur irrenda servizz ta' trasport u 'dumping' lill-istess socjeta' intimata, liema servizz jammonta ghas-somma ta' tliet elef u sbatax-il ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,017.55) (inkluz il-VAT) (rendikont anness u mmarkat bhala Dok.PC1);

U peress li s-socjeta' intimata irrifjutat li thallas tali ammont ingustament;

U peress li s-socjeta' intimata, ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont dovut lill-attur u dan anke permezz ta' ittra legali datata d-19 ta' Dicembru, 2011 (Dok. PC2

anness) kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata Frar, 2012 (Dok PC3 anness) izda baqghet inadempjanti.

Ghalhekk is-socjeta' intimata Seabank Hotel & Catering Ltd qieghda tintalab thallas lill-attur l-ammont ta' [1] elfejn, sitt mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,017.55) rapprezentanti f'servizzi ta' trasport u 'dumpin' moghti mill-attur lis-socjeta' intimata bejn is-26 ta' Novembur, 2011 u t- ta' Dicembru, 2011. Bl-ispejjez kollha inkluzi u bl-imghaxijiet mis-26 ta' Novembru, 2011 skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi ma' l-ittra legali ta' Dicembru, 2011 (Dok PC2) u spejjez legali ammontanti ghal tmenien ewro (€80) kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A kontra s-socjeta' intimata, bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat ir-risposta taghha fit-22 ta' Mejju, 2012 fejn eccepiet illi t-talbiet u l-pretensjonijiet attrici huma kontestai fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante:

1. Preliminarjament ir-rikorrent irid jipprova dak allegat minnu billi jipproduci kopja / prova tal-ftehim bejn il-partijiet hekk kif allegat minnu;

2. Illi sussegwentament u minghajr prejudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mill-esponenti huwa esagerat u ma jirriflettix dak miftiehem anke invista tal-fatt li s-servizzi rezi ma kienux tal-kwalita miftehma.

3. Illi dan kollu ser jigi ppruvat mill-esponenti permezz ta' xhieda.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-initmat in subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

L-attur spjega illi hu gie mqabbad jaghmel xoghol ta' traport ghas-socjeta' konvenuta bil-prezz mifthiem ta' tliet ewro u tliet centezmi (€3.03) eskluz il-VAT. Wara gie imqabbad jaghmel xoghol ta' dumping bil-prezz ta disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€89.50) esklus il-VAT. Spjega illi kienu saru xi pagamenti zejda u ohrajn nieqsa mis-socjeta' konvenuta u meta wiehed inaqqas z-zejda li thallas s-socjeta' kien fadlilha tghatih bilanc ta' tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u tlettin centezmu (€328.33).

[1] **U b'digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Ottubru, 2014 l-ammont imnizzel fl-Avviz ghandu jinqara tlett elef u sbatax-il ewro u hamsa u hamsin centezmu.**

Spjega ukoll illi fit-3 ta' Dicembru, 2011 Emvin Bartolo rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien infurmah illi kien hallsu VAT extra u ghalhekk ma kienx ser ihallsu iktar VAT. L-attur jghid illi dan ma kienx il-ftehim mieghu u oggezzjonia. L-iskuza li ngiebet mis-socjeta' konvenuta kienet illi nstabet persuna ohra li kienet lesta taghmel ix-xoghol b'inqas flus.

Emvin Bartolo in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta jghid illi l-attur kien ha xoghol ta' trasport tal-materjal skavat bir-rata ta' tliet ewro u tliet centezmi (€3.03) kull jarda kubu eskluza l-VAT materjal destinat lejn ir-rabat filwaqt li trasport ghal Mellieha kien jithallas bil-ewro u ghoxrin centezmu (€1.20) kull jarda kubu eskluz il-VAT. Ir-rata ta' dumping kienet ta' tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) kull jarda kubu.

Dan ix-xhud jikkonferma illi hemm ammont ta' sebgha u tmenien ewro u sebgha u tletin centezmu (€87.37) kif ukoll jispjega fid-dokument annes ma' din is-sentenza l-ammont li skond hu gew imhallsa zejda u ohrajn nieqsa biex wara li naqas il-VAT minn Ottubru sa Novembru ta' elfejn mija u ghaxar ewro u hamsin centezmu (€2.110.50) jkun fadal li l-attur jithallas l-ammont ta' tmien mija tmienja u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (€832.91).

Meta xehed in kontro ezami dan ix-xhud spjega illi meta sar il-ftehim fuq il-press tad-dumping ma giex miftiehem jekk hux inkluz il-VAT jew le. Jghid illi wara li gew iccekjati r-records kien hemm burdnara ohra li kienu jithallsu l-istess rata imma 'nkluza l-VAT.

It-Tribunal iqis illi minn kif xehdu l-partijiet dwar il-ftehem tal-hlas tat-trasport dan kien bil-provi li l-prezz jigi miftiehem eskluz il-VAT u dan qablu fuqu iz-zewg partijiet. Izda gara illi meta ftehmu fuq il-prezz tad-dumping is-socjeta' konvenuta tistqar illi ma giex mifthiem jekk l-ammont jinkludiex il-VAT jew le ghalhekk jekk wiehed jimxi fuq il-pressi ta' kif gew miftehma il-prezzijiet ta' qabel, wiehed jassumi kif assuma l-attur illi l-prezz ta' tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) kien ezkluz  il-VAT. Il-kumpanija konvenuta indunat illi l-attur kien jithallas izjed minn burdnara ohra peress illi dawn thallsu tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) inkluz il-VAT. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt illi s-socjeta' indunat illi kien hemm haddiehor li jithallas b'inqas ma jbiddel xejn mill-provi li kienet qabdet mal-attur li tiftiehem mieghu prezz imbaghad jizdied il-VAT mal-kont. Ghalhekk l-attur kellu ragun jahseb li kien ftiehem bit-tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) ezkluz il-VAT.

Meta s-socjeta' konvenuta indunat li kien hemm haddiehor li jaghmel ix-xoghol inqas u avvicinat lill-attur dan filfatt irrifjuta li jaghmel ix-xoghol b'dan il-prezz ta' tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) inkluz il-VAT u x-xoghol m'ghamlux. Jirifieri minn meta s-socjeta' konvenuta sabet minn jahdem b'inqas kienet lesta li thaddem lilu u ma tkompliex thallas VAT lill-attur kif filfatt gara ghax l-attur waqqaf is-servizzi tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal jghaddi biex jikkwantifika l-ammont dovut lil attur. Jekk wiehed juza l-kont mahdum mill-konvenut stess hemm:

- 15 - 21 t'Ottubru disgha u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€89.37) trip Rabat nieqes.
- 22 - 28 t'Ottubru disgha u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€89.37) trip Rabat nieqes.
- 22 - 28 t'Ottubru hamsa u tletin ewro u erbghin centezmu (€35.40) trip Mellieha zejjed.
- 29 - 4 ta' Novembru hamsa u tletin ewro u erbghin centezmu (€35.40) trip Mellieha zejjed.
- 5 - 11 ta' Novembru mitejn u tnejn u sittin ewro u hamsin centezmu (€262.50) tliet (3) trips dumping nieqsa.
- 26 - 2 ta' Dicembru elfejn erba' mija u tliet ewro u sebgha u disghin centezmu (€2,403.97) Pagament mizmum.
- 3 - 9 ta' Dicembru mija u hamsa u sebghin ewro (€175) pagament mizmum.

It-Tribunal mhux jaqbel illi ghandu jitnaqqas il-VAT li diga thallas u ghalhekk ma ghandiex titnaqqas is-somma ta' elfejn mija u ghaxar ewro u hamsin centezmu (€2,110.50).

Jekk wiehed jahdem is-somma tal-attur minghajr ma jnaqqas il-VAT imhallsa diga din tammonta ghal elfejn disa' mija disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,949.41). Jibqa' il-fatt imbaghad jekk ghandux  jizdied il-VAT fuq id-dumping trips ta' bejn il-5 u l-11 ta' Novembru fuq l-ammont ta' mitejn tnejn u sittin ewro u hamsin centezmu (€262.50) li jammonta ghal sebgha u erbghin ewro i hamsa u ghoxrin centezmu (€47.25) u jekk jizdiedix il-VAT fuq l-ammont ta' erba' mija sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€437.50) li huwa inkluz fl-ammont ta' elfejn erba' mija u tliet ewro u sebgha u disghin centezmu (€2,403.97) liema VAT jammonta ghal tmienja u sebghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€78.78) annetti u mhux imhallas. It-Tribunal ihoss illi dan il-VAT ma ghandux jithallas lil konvenut stante illi minn dakinhar tat-tilwima l-kumpanija ma kienetx lesta iktar thallas l-ammont ta' tliet ewro u hamsin centezmu (€3.50) li ma tinkludiex VAT. Ghlahekk it-Tribuanl ma jinkludiex dan il-VAT mas-somma.

Ghalhekk it-Tribuanl jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn disa' mija disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,949.41) u jikkundana s-socjeta' konvenuta thallas din is-somma lill-attur. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------